# MATER DOLOROSA

Għadu l-istess il-ħżiem sabiħ ta' qaddek,
L-istess l-istar fuq rasek għadu wkoll
Minsuġ bis-sebħ ta' xemx, qamar u kwiekeb
Li bi ħlewwietu l-ħielsa qalb iħoll.

B'lewnu idawwal il-larinġ il-ġnejna,
Sagħtar u plejju fuq il-moxa jfuħ.
Kulfejn il-ħarsa tiġri inti tilmaħ
Il-ġid ta' wliedek kullimkien miżrugħ.

Joħolmu sebħ antik fil-lejla ħiemda
Ġrajjiet għeżież ta' ħila u għalmu s-swar.
Qalbek l-istess m'għadhiex u ġewwa ħarstek
Idellel issa niket ta' l-imrar.

Wirt l-ommijiet issa sar ukoll wirtek,
Uġiegħ bla faraġ jinfidlek issa l-qalb;
Bejn l-aħwa tala' żorr il-ħajt tal-firda,
Sat-tama tilef it-tnehid tat-talb.

Uliedek issa ma jgħixux annuna,
Minn qalbhom bikri tar l-anġlu tas-sliem;
U int, Omm ħanina tħares … tħares … tħares …
Ħalqek, maħsul bid-dmugħ u xott mill-kliem.

**Marzu 1972** **J.P. VASSALLO**